IV

(Atti oħrajn)

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 40/2008

tal-25 ta' April 2008

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/2008 ta' l-1 ta' Frar 2008 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/399/KE tal-11 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li r-Rumanija hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) u d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li s-Slovenja hija ħielsa mill-bruċelloża bovina ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/522/KE tat-18 ta' Lulju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2006/802/KE fir-rigward ta' laħam tal-majjal minn ħnieżer li tlaqqmu b'tilqima ħajja attenwata konvenzjonalment fir-Rumanija ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/559/KE tat-2 ta' Awissu 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li xi reġjuni amministrattivi tal-Polonja huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkosi enzotika tal-bovini ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/584/KE tal-21 ta' Awissu 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2004/558/KE li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE fir-rigward tal-garanziji addizzjonali tal-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali bovini relatati mar-rhinotracheitis tal-bovini infettiva u l-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda minn ċertu Stati Membri ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

([1]) ĠU L 154, 12.6.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 150, 12.6.2007, p. 11.
([3]) ĠU L 193, 25.7.2007, p. 23.
([4]) ĠU L 212, 14.8.2007, p. 20.
([5]) ĠU L 219, 24.8.2007, p. 37.

(6) Id-Deċizjoni tal-Kummissjoni 2007/590/KE tas-27 ta' Awissu 2007 dwar l-introduzzjoni ta' tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u dispożizzjonijiet relatati għall-movimenti fl-Olanda [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Deċizjoni tal-Kummissjoni 2007/598/KE tat-28 ta' Awissu 2007 dwar il-miżuri biex jiġi evitat it-tixrid ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja fost għasafar oħra maqbudin li jinżammu fiż-zoos u f'korpi, istituti jew ċentri approvati fl-Istati Membri [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/603/KE tas-7 ta' Settembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2001/618/KE li għandha tinkludi lis-Slovakkja fil-lista ta' reġjuni ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u r-reġjuni ta' Spanja fil-lista tar-reġjuni fejn programmi għall-kontroll tal-marda ta' Aujeszky ġew approvati u huma f'posthom [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(9) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein u għall-Iżlanda,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' Anness I għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2007/399/KE, 2007/522/KE, 2007/559/KE, 2007/584/KE, 2007/590/KE, 2007/598/KE u 2007/603/KE, fil-lingwa Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-26 ta' April 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni se tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' April 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 222, 28.8.2007, p. 16.
[2] ĠU L 230, 1.9.2007, p. 20.
[3] ĠU L 236, 8.9.2007, p. 7.
(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

ANNESS

Kapitolu I ta' Anness I għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Dan li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 38 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/268/KE) tat-Taqsima 3.2:

"39. **32007 D 0598**: Id-Deċizjoni tal-Kummissjoni 2007/598/KE tat-28 ta' Awwissu 2007 dwar il-miżuri biex jiġi evitat it-tixrid ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja fost għasafar oħra maqbudin li jinżammu fiż-zoos u f'korpi, istituti jew ċentri approvati fl-Istati Membri (ĠU L 230, 1.9.2007, p. 20).

Dan l-att ma japplikax għall-Iżlanda."

2) Taħt l-intestatura "*ATTI LI L-ISTATI EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ*" dan li ġej għandu jiġi miżjud f'punt 37 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/802/KE) f'Taqsima 3.2:

", kif emendat minn:

— **32007 D 0522**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni 2007/522/KE tat-18 ta' Lulju 2007 (ĠU L 193, 25.7.2007, p. 23)."

3) Taħt l-intestatura "*ATTI LI L-ISTATI EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ*" dan li ġej għandu jiġi miżjud f'punt 40 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/24/KE) f'Taqsima 3.2:

"41. **32007 D 0590**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/590/KE tas-27 ta' Awwissu 2007 dwar l-introduzzjoni ta' tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u dispożizzjonijiet relatati għall-movimenti fl-Olanda (ĠU L 222, 28.8.2007, p. 16).

Dan l-att ma japplikax għall-Iżlanda."

4) Dan li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 14 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE) tat-Taqsima 4.2:

"— **32007 D 0399**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/399/KE tal-11 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 150, 12.6.2007, p. 11)."

5) Dan li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 64 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KEE) tat-Taqsima 4.2:

"— **32007 D 0603**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/603/KE tas-7 ta' Settembru 2007 (ĠU L 236, 8.9.2007, p. 7)."

6) L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda f'punt 70 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE) f'Taqsima 4.2:

"— **32007 D 0399**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/399/KE tal-11 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 150, 12.6.2007, p. 11).

— **32007 D 0559**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/559/KE tat-2 ta' Awwissu 2007 (ĠU L 212, 14.8.2007, p. 20)."

7) Dan li ġej għandu jiġi miżjud wara punt 80 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KEE) tat-Taqsima 4.2:

", kif emendat minn:

— **32007 D 0584**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/584/KE tal-21 ta' Awwissu 2007 (ĠU L 219, 24.8.2007, p. 37)."